Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 110/12/1

**Kenneth Pullicino (KI 497571M) eżerċenti l-kummerċ taħt "<u>Kenneth Hardware Stores</u>"**

**vs**

**Ramon Anastasi (KI 580485M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "<u>IT Works Group</u>", u permezz ta' digriet tat-22 ta' Frar 2013 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta` "<u>Market Handle Limited</u>"**

17 ta' Jannar, 2020.

1. **Il-kawża titratta dwar €10,689.45 rappreżentanti prezz ta' diversi "*hardware products*", li l-attur jippretendi li huma dovuti lilu mingħand Ramon Anastasi. Min-naħa l-oħra l-konvenut isostni li mhuwiex il-leġittimu kontradittur u li l-ħlas dovut mill-kumpannija li ssejħet fil-kawża.**

2. <u>Fir-rikors promutur tas-27 ta' Marzu 2012</u> ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-intimat Anastasi iħallsu s-somma ta' **€10,689.45** skont invoices (mehmuża u mmarkati **Dok KP1** sa **Dok KP40**) għal diversi "*hardware products*" li (allegatament) xtara mingħandu. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Jannar 2012 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-aħħar invoice (cioe` tat-2 ta' Ġunju 2010) kontra l-istess Anastasi.

3. <u>Fit-tweġiba tal-21 ta' Mejju 2012 Anastasi</u> iddikjara:

(1) Illi fl-ewwel lok l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur in kwantu ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-eċċipjenti u r-rikorrenti, u għalhekk l-eċċipjenti għandu jiġi liberat

mill-osservanza tal-ġudizzju;

(2) Illi fil-fatt l-ordinijiet tal-merkanzija kienu jsiru f'isem Market Handle Ltd lil min ġiet supplita l-merkanzija intiża għal showroom tas-soċjeta` Market Handle Ltd f'Birkirkara liema soċjeta' fil-fatt għamlet ħlasijiet lir-rikorrenti għall-istess merkanzija b'ċekkijiet tagħha;

(3) Illi għalhekk ikun opportun li tiġi kjamata fil-kawża s-soċjeta` Market Handle Limited ma' min ir-rikorrenti kellu relazzjoni legali sabiex tirrispondi hi għat-talbiet tar-rikorrenti;

(4) Illi jsegwi għalhekk li l-eċċipjenti m'għandux jiġi kkundannat iħallas ebda ammont ta' flus lir-rikorrenti;

(5) Illi f'kull każ u dejjem bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16;

(6) Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fil-konfront tal-esponenti għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent stanti illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

(7) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

4. Fit-22 ta' Frar 2013 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat digriet li bih issejħet fil-kawża lis-soċjeta` Market Handle Ltd, u dan b'riferenza għat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut.

5. Fit-tweġiba tat-2 ta' Lulju 2013, l-imsejħa fil-kawża qalet:

(1) Preliminarjament it-talbiet attriċi huma preskritti skont l-artikoli 2148(a) u 2148(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Preliminarjament, il-kumpannija esponenti mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi billi hija qatt ma kellha relazzjoni ġuridika mal-attur u jidher ukoll illi l-bejgħ mertu ta' din il-kawża ġie konkluż bejn l-attur u l-konvenut, għal liema bejgħ il-kumpannija esponenti hija għal kollox estraneja;

(3) Fil-mertu, il-kumpannija esponenti m'għandha tagħti xejn u mhijiex debitriċi tal-attur;

(4) Kwindi it-talbiet attriċi fil-konfront tal-kumpannija esponenti għandhom jiġu miċħuda.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-partijiet l-oħra in subizzjoni.

6. Fis-sentenza tal-24 ta' April 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Ramon Anastasi (għajr għat-tielet eċċezzjoni li ġiet eżawrita meta Market Handle Ltd issejħet fil-kawża), ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` kjamata fil-kawża Market Handle Ltd, u laqgħet it-talbiet attriċi fis-sens lill-konvenut u l-imsejħa fil-kawża **in solidum** bejniethom iħallsu lir-rikorrent Kenneth Pullicino s-somma ta' €10,689.45, "*rappreżentanti l-prezz*

*tal-merkanzija debitament mibjugħa u kkonsenjata mir-rikorrent għall-beneficċju kemm tal-intimat u tas-soċjeta` kjamata in kawża".* Bl-ispejjeż kif mitluba, u bl-imgħax mit-2 ta' Ġunju 2010 sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-istess Ramon Anastasi u Market Handle Ltd **in solidum** bejniethom.

7. L-intimat Anastasi ma jaqbilx mas-sentenza u għalhekk fit-12 ta' Mejju 2017 appella quddiem din il-qorti u talab li tirriforma s-sentenza u minflok li din il-qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

8. Market Handle Limited m'appellatx u għaldaqstant is-sentenza hi gudikat fil-konfront tagħha.

9. **L-aggravji tal-intimat huma s-segwenti:**

**(i) Mhuwiex il-leġittimu kontradittur:**

Fl-ewwel lok jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu li mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

Isostni li ma teżisti l-ebda relazzjoni kontrattwali u ġuridika bejnu u bejn l-appellat Kenneth Pullicino. Jenfasizza li kull ordni ta' merkanzija kienet issir f'isem Market Handle Ltd u fl-interess tagħha u mhux f' ismu.

Jaċċenna għall-fatt li kienet l-istess Market Handle Ltd li ħarġet żewġ ċekkijiet intestati favur ir-rikorrent sabiex jiġi mħallas il-materjal u jargumenta li b'dak l-aġir (i) is-soċjeta` Market Handle Ltd kienet qegħda taċċetta, tirrikonoxxi u tammetti li għandha tagħti tali ammont lill-appellat, u li (ii) l-appellat, da parti tiegħu, meta ddepożita tali ċekk kien qiegħed taċitament jirrikonoxxi jaċċetta u jikkonferma r-relazzjoni kuntrattwali li dejjem eżistiet mas-soċjeta` kjamata fil-kawża.

Jirreferi għax-xiehda tar-rikorrent Kenneth Pullicino fejn qal li kien jaf li l-merkanzija kienet qed tintuża minn Market Handle Ltd, u wkoll għax-xiehda in kontro-eżami ta' Donald Micallef, is-CEO tas-soċjeta` Market Handle Ltd fejn qal li kien hu li għażel l-affarijiet mixtrija, li kien iltaqa' ma' Kenneth Pullicino u li ftehmu li kellha tkun Market Handle Ltd li tħallas għall-oġġetti miġbura minnu (Ramon Anastasi) għall-proġett tax-showroom f' Birkirkara, li kien għalhekk li Market Handle Ltd ħallset direttament lil Kenneth Pullicino, u li kien fil-fatt l-avukat ta' Kenneth Pullicino li kien iċempel direttament lilu (Donald Micallef) għall-ħlas.

Jargumenta li l-fatt li l-invoices ħarġu f'isem IT Works Group u mhux f'

isem Market Handle Ltd ma tfisser xejn, u li dan kien isir għas-sempliċi raġuni li dak iż-żmien Market Handle Ltd <u>kienet għadha ma ġietx iffurmata bħala kumpannija</u> u ma kellhiex VAT number.

Jargumenta wkoll li ladarba l-ewwel qorti ikkonkludiet li s-soċjeta` Market Handle Ltd ammettiet li l-ammont in kwistjoni hu dovut minnha, ma kellhiex allura tikkundannah <u>*in solidum*</u> magħha biex iħallas l-ammont.

**(ii) <u>L-ordnijiet kienu jsiru f'isem Market Handle Ltd:</u>**

Jilmenta wkoll bil-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tiegħu: li l-ordnijiet kienu jsiru f isem is-soċjeta` Market Handle Ltd.

Jispjega li huwa kien jgħaddi regolarment l-invoices lil Donald Micallef ta' Market Handle Ltd. Jenfasizza li l-invoices kienu jinħarġu f'isem IT Works Group għaliex Market Handle Ltd kienet għadha mhux reġistrata; iżda jenfasizza li l-invoices kienu fil-fatt intestati "IT Works Group B'kara", biex jindikaw li kienu fir-rigward tax-xogħol fix-showroom ta' Market Handle Ltd f' Birkirkara, u dan a differenza minn kif normalment kienu joħorġu l-invoices meta jkun hu li jħallas lir-rikorrent.

**(iii) <u>Ma kellux jiġi kkundannat iħallas xi ammont lir-rikorrent:</u>**

Jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni tiegħu: li m'għandux jiġi kkundannat iħallas xi ammont lir-rikorrent.

Jargumenta li ladarba huwa mhux il-leġittimu kontradittur, u ladarba l-ordnijiet kienu jsiru f' isem Market Handle Ltd, u ladarba s-soċjeta` Market Handle ġiet kjamata fil-kawża biex tirrispondi għat-talbiet tar-rikorrent, ma kellux jiġi kkundannat biex iħallas xi ammont lir-rikorrent.

**(iv) <u>L-azzjoni hija preskritta abbażi tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16:</u>**

Jilmenta wkoll bil-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet il-ħames eċċezzjoni tiegħu: li l-azzjoni hija preskritta abbażi tal-Artikolu 2148(b).

Jargumenta li s-soċjeta` Market Handle Ltd ma kinitx qed tiġi fornuta bl-ingrossa, biex terġa' tbiegħ l-oġġetti bi profitt, iżda l-oġġetti kienu biex jintużaw fix-showroom tagħha. Jilmenta li mhux minnu dak li ddikjarat l-ewwel qorti, u cioe` "*li l-merkanzija mibjugħa mir-rikorrent Kenneth Pullicino kienet intiża unikament sabiex l-intimat Ramon Anastasi jutilizzaha u jagħmel użu minnha biex jinstalla sistema ta' dawl u IT networking ġewwa l-uffiċini tax-showroom tas-soċjeta` kjamata in kawża, li imbagħad l-intimat kien ser jitħallas għal tali installar mingħand is-soċjeta` kjamata fil-kawża.*"

Jaċċenna għall-fatt li imkien ma ingħad li huwa kien ser jitħallas tal-

merkanzija minn Market Handle Ltd tant li kienet Market Handle Ltd li ħarġet iċ-ċekkijiet lir-rikorrent.

Isostni li l-bejgħ ma kienx bl-ingrossa iżda kien bl-imnut għaliex l-oġġetti li r-rikorrent kien qed jissupplixxi lils-soċjeta` Market Handle Ltd kienu għall-konsum ta' kuljum biex jiġu utilizzati fix-showroom tagħha.

**(v) <u>Il-kundanna in solidum:</u>**

Finalment jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż fil-konfront tas-soċjeta` Market Handle Ltd u wkoll tiegħu, fis-sens li kkundannathom biex <u>*in solidum*</u> iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' €10,689.45.

Jilmenta li kienet skorretta l-ewwel qorti meta irriteniet li l-merkanzija kienet mibjugħa u kkonsenjata mir-rikorrent *"għall-benefiċċju kemm tal-intimat u tas-soċjeta` kjamata fil-kawża"*; jenfasizza li l-merkanzija supplita fi kwantitajiet żgħar minn żmien għal żmien ma kinitx għall-użu tiegħu imma għall-użu esklussiv tas-soċjeta` Market Handle Ltd.

10. <u>Fit-23 ta' Frar 2018 Kenneth Pullicino wieġeb</u> u ta r-raġunijiet għalfejn is-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata. Għall-ħames aggravji tal-intimat appellant, huwa in suċċint, wieġeb hekk:

(i) <u>Ir-relazzjoni kummerċjali kienet bejnu u bejn l-intimat appellant</u>. Dwar l-argument tal-appellant li meta huwa aċċetta ċ-ċekkijiet maħruġa minn Market Handle Ltd ikkristalizzat relazzjoni bejnu u bejn Market Handle Ltd, isostni li dan huwa wieħed fallaċi. Jargumenta li jekk persuna tħallas (jew tagħmel attentat ta' ħlas) għan-nom ta' debitur ma jfissirx li tkun saret debitriċi hi.

(ii) Mhux ikkontestat li l-intimat kellu kont separat miegħu fir-rigward tal-oġġetti intiżi għax-showroom; billi l-proġett kien kbir kien fl-interess tal-intimat li jkollu kont separat minn dak li ġeneralment juża, sabiex ikun jista' jżomm il-konteġġi li kellu ma' Market Handle Ltd. <u>Jiċħad pero` li l-kont kien responsabbilta` ta' Market Handle Ltd</u>.

(iii) Jargumenta li l-fatt li l-ewwel qorti laqgħet it-talba biex Market Handle Ltd tiġi kjamata fil-kawża ma jfissirx awtomatikament li l-intimat ma jistax jinstab responsabbli.

(iv) Jargumenta li l-aggravju dwar il-preskrizzjoni huwa imsejjes fuq l-asserzjoni inveritiera tal-intimat appellant li ma kien hemm l-ebda relazzjoni kummerċjali bejniethom (l-appellant u l-appellat). <u>Isostni li l-merkanzija kienet inxtrat mill-intimat proprju biex jagħmel negozju minn</u>

fuqhom. Isostni li l-bejgħ sar bl-ingrossa u mhux bl-imnut u li għalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni mhix ta' 18-il xahar iżda ta' 5 snin.

(v) Dwar l-aħħar aggravju jerġa jirreferi għas-sottomissjonijiet li għamel f' din ir-risposta dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-partijiet.

**Provi.**

*Invoices:*

11. Dokumenti KP1 sa KP40[1] huma diversi invoices maħruġa minn "Kenneth Hardware Stores" ta' Castaldi Street, Żabbar fuq "IT Works Group B'kara" ta' 39, Four Winds, Triq Santa Liberata, Kalkara, u jkopru l-perjodu **mis-26 ta' Marzu 2010 sat-2 ta' Ġunju 2010**. L-ammont komplessiv ta' dawn l-invoices hu ta' €10,689.45.

*Ċekk Nru 000106 fl-ammont ta' **€2,000** datat 04.06.2010:*

12. Dok AG1 (fol 182) hu ċekk Nru 000106 datat 4 ta' Ġunju 2010 fl-ammont ta' €2,000 maħruġ minn "Market Handle Ltd" u intestat lil "Kenneth Hardware Stores". Dan iċ-ċekk qatt ma ssarraf. Audrey Ghigo, rappreżentanta tal-HSBC fix-xiehda tagħha tat-12 ta' Novembru 2015[2] xehdet li dan iċ-ċekk ma ssarrafx u ġie "*returned unpaid*" fit-8 ta' Ġunju 2010.

*Ċekk Nru 00056 fl-ammont ta' **€10,689.45** datat 20.10.2010:*

13. Dok AG1 (fol 78 u 88) huwa ċekk Nru 00056 datat 20 ta' Ottubru 2010 fl-ammont ta' €10,689.45 maħruġ minn "*Market Handle Ltd*" u intestat lil "*Kenneth Hardware Stores".* Dan iċ-ċekk ukoll qatt ma ssarraf. Audrey Ghigo, rappreżentanta tal-HSBC fix-xiehda tagħha tad-29 ta' Novembru 2013[3] xehdet li ċ-ċekk Nru 00056 kien depożitat fit-28 ta' Ottubru 2010 u li l-għada 29 ta'

[1] Fol 2 sa 43.
[2] Fol 179 *et seq*.
[3] Fol 81 *et seq*.

Ottubru 2010 xi ħadd mill-bank kiteb fuqu "*refer to drawer*". Kompliet tgħid li l-istess ċekk reġa' kien depożitat fis-17 ta' Diċembru 2010 iżda reġa' kien "*referred to drawer*" fl-20 ta' Diċembru 2010.

*<u>Xiehda ta' Kenneth Pullicino.</u>*

14. Fix-xiehda tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2013[4] Kenneth Pullicino xehed li hu sid ta' "hardware store" (Kenneth Hardware Stores) li qiegħed Ħaż-Żabbar. Spjega li l-intimat Anastasi kien klijent tiegħu li mhux dejjem kien iħallas mill-ewwel. Qal li darba minnhom qallu li kien ħa f'idejh biċċa xogħol kbira u li xtaq jixtri ammont konsiderevoli ta' affarijiet, u li bħala metodu ta' ħlas kien qallu li ser jipprova jħallsu wara xahar li jkun ħa x-xogħol.

15. Spjega li kull meta jinġabar ix-xogħol, l-invoice relattiva kienet tkun iffirmata mill-ħaddiem li jkun ipproċessa l-ordni (salesman) u mill-persuna li tkun ħadet l-affarijiet (customer) "*li ħafna drabi kien ikun Ramon Anastasi stess*". Spjega wkoll li l-invoices kollha nħarġu f'isem "IT Works" fuq tagħrif li tah l-intimat.

16. Kompla jżid li l-pagamenti ma bdewx isiru u għalhekk beda jiġri wara Ramon Anastasi għall-ħlas, li kien igħidlu li ser iħallas malli l-klijent iħallsu. Meta ra li l-ammont kien diġa qabeż l-għaxart elef euro ddeċieda li jieqaf jagħtih oġġetti. Meta għamel hekk Anastasi qallu li jekk ikollu problema bil-proġett tal-klijent tiegħu ma kienx ser ikollu flus biex iħallsu.

> *"…dan Ramon wara li ddiskutejna dan quddiemi stess qabad u ċempel lill-klijent tiegħu, spjegalu l-problema x' kienet u dan il-klijent tiegħu qallu biex imur għandu mill-ewwel, dak il-ħin stess, sabiex itih il-pagament biex iħallas lili. <u>U infatti Ramon debitament mar għand il-klijent, ġabar iċ-ċekk minn tali klijent u taħ lili dan iċ-ċekk</u>. Jien għandi ngħid illi jiena imbagħad dan iċ-ċekk li kien għaddieli da parti tal-klijent tiegħu kien ċekk li kien post dated ta' ġimgħa, allura naturalment stennejt ġimgħa, mort il-bank biex insarrfu u dana ma ġiex onorat mill-bank. Sussegwentement sirt naf illi mhux talli ma setax jiġi onorat mill-bank, talli l-kont innifsu kien magħluq. Jekk ma niżbaljax dan iċ-ċekk kien ta' ċertu kumpanija li jisimha Market Handling."*

17. Qal li għalkemm iċ-ċekk (li ma ssarrafx) kien maħruġ mis-soċjeta` Market

---

[4] Fol 74 *et seq.*

Handle Ltd, huwa qatt ma ltaqa' ma xi ħadd li kellu x'jaqsam magħha. Insista li n-negozju sar kollu ma' Ramon Anastasi.

18. F'xiehda sussegwenti li ta fit-13 ta' Novembru 2013[5] insista li ċ-ċekk fl-ammont ta' €10,689.45 *"jiena ġbartu mingħand Ramon Anastasi. Kien ġabuli Ramon Anastasi hu stess il-ħanut".*

19. L-attur ċaħad li qatt iltaqa' ma' Donald Micallef ta' Market Handle Ltd. Ċaħad ukoll li Donald Micallef kien imur il-ħanut, jagħżel l-oġġetti u wara Ramon Anastasi kien jiġbru. Sostna li lil Donald Micallef kien fil-fatt kellmu darba biss u dan kien wara li ċ-ċekk ma ssarrafx. Sostna wkoll li l-ftehim kien ma' Ramon Anastasi u mhux Market Handle Ltd.

> *"Jiena nixtieq ninsisti illi skont l-invoices tagħna aħna x-xogħol kien dejjem jiġi supplit lil Ramon Anastasi. Kieku aħna konna qed inbiegħu ix-xogħol lil Market Handle kif qed jiġi allegat aħna konna noħorġu invoices direttament lil Market Handle Ltd.*
>
> *Jiena l-ftehim kollu li sar dejjem ma' Ramon Anastasi. Ma' Donald sar biss kuntatt fl-aħħar wara li ċ-ċekk ibbawnsja. Jien nixtieq ngħid illi ċ-ċekk inħareġ direttament f' ismi għax jiena bdejt nippressa lil Ramon f' mument minnhom sabiex ikolli pagament peress li l-kont kien kemmxejn kbir, u Ramon Anastasi kien ikkomunika ma' Donald u Donald hekk kien qallu illi ma kienx hemm problema u kien ser jagħtini ċekk, iżda ċ-ċekk kellu jkun postdated."*

20. Kontro-eżaminat qal li lil Donald Micallef ma jafux. Ma jeskludix li Donald Micallef mar il-ħanut u ra xi xtaq u imbagħad eventwalment mar lura għand Ramon Anastasi biex jixtri l-affarijiet. Mistoqsi jekk rahiex stramba li Ramon Anastasi għaddielu ċekk mhux tiegħu iżda ta' Market Handle Ltd, wieġeb li għalih l-importanti kien li jitħallas.

*<u>Xiehda ta' Ramon Anastasi.</u>*

21. Fix-xiehda tiegħu tad-29 ta' Novembru 2013[6] Ramon Anastasi spjega li jaħdem fil-*construction* u *furnishing*. Qal li "IT Works Group" mhux kumpannija reġistrata iżda isem li huwa kien juża' fix-xogħol tiegħu. B'referenza għall-invoices Dok KP1 sa KP40 ikkonferma li x-xogħol kollu kien ħadu mingħand

---

[5] Fol 159 *et seq*.
[6] Fol 83 *et seq*.

Kenneth Hardware Stores. **<u>Qal ukoll li jagħraf il-firem tiegħu fuq l-invoices</u>**<u>.</u>

22. Xehed li l-oġġetti ikun ordnahom il-klijent u imbagħad ġabarhom hu. Qal li Market Handle Ltd (il-klijent tiegħu) kienu ċemplulu u qalulu li kienu iltaqgħu ma' Kenneth Pullicino u tawh struzzjonijiet biex jibda jmur jixtri l-materjal mingħandu. Qal li huwa ma kienx mar mal-klijent.

*"Jiena nikkonferma li ma kien hemm l-ebda laqgħa bejni flimkien ma' rappreżentant ta' Market Handle u Kenneth Pullicino. Jien għandi ngħid illi d-diskors sar fejn jiena kont kellimt lil Kenneth Pullicino u kont għidtlu li kelli dan il-proġett li kelli dan l-ammont ta' xogħol li kelli bżonn u qalli li seta' jaqdih u allura minn dak l-istadju imbagħad jiena għidtlu mela issa ħa jiġi l-klijent biex jara x'hemm u x' m'hemmx."*

23. Dwar il-fatt li l-invoices inħarġu f'isem "IT Works Group" xehed li "*jimmaġina*" li kien minħabba li r-rikorrent ma kellux id-dettalji tal-klijent "Market Handle Ltd".

24. Kontro-eżaminat enfasizza li l-invoices għandhom indikat fuqhom "B'kara" u dan sar biex issir distinzjoni bejn il-kont relatat mal-merkanzija ta' Market Handle Ltd u l-kont personali tiegħu. Dwar il-firma tiegħu (jew tal-ħaddiem tiegħu) li tidher fuq l-invoices, spjega li dan kien biex jindika li l-merkanzija inġabret;

*"Jien dan id-dokument eventwalment kont ngħaddih lil Market Handle imbagħad kien sta għal Market Handle li jħallas direttament lil Kenneth Pullicino kif għamel attwalment b'dan iċ-ċekk. Jien għandi ngħid illi għall-kont personali tiegħi dejjem ħallast jien personalment iżda f' dan il-kont, għal dan il-kont partikolari kien(et) is-soċjeta` Market Handle illi kien(et) tħallas il-kont. Allura jiena nikkonferma illi l-ammont kollu kif jidher f' dan iċ-ċekk huwa l-ammont li kellha tagħmel tajjeb għalih Market Handle lil Kenneth Hardware Stores."*

25. Waqt ri-eżami enfasizza li qabel ma beda jinxtara x-xogħol huwa kien qal lir-rikorrent li l-merkanzija kienet se tinxtara minn Market Handle Ltd.

26. F' xiehda sussegwenti li ta fil-5 ta' Mejju 2014[7] ippreżenta numru ta' invoices (Dok RA1 sa RA5), li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kawża odjerna, biex juri li l-isem tal-kont f'dak il-każ kien "<u>IT Works Group</u>" u mhux "<u>IT Works Group B'Kara</u>" bħal fil-każ in kwistjoni.

[7] Fol 143 *et seq*.

27. In kontro-eżami xehed illi sa fejn jaf meta kien hemm problema dwar il-ħlas, Donald Micallef (minn Market Handle Ltd) kien ta ċekk ta' €2,000 lir-rikorrent u imbagħad l-intimat baqa' jiġbor ix-xogħol mingħand ir-rikorrent. Huwa ċaħad li kien il-persuna li għadda ċ-ċekk ta' €10,689.45 lil Kenneth Pullicino, u jsostni li kien jaf biss biċ-ċekk ta' €2,000. Qal, "*Ma kontx naf li kien hemm xi ċekk tal-ammont sħiħ".*

28. Meta xehed fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014[8] spjega li x-xogħol li kien ħa mingħand Market Handle Ltd kien "*turnkey project*" fejn kellu jieħu ħsieb id-dawl, l-ilma, l-madum u kollox. Qal li x-xogħol li kellu jieħu mingħand Kenneth Pullicino kien ta' *wiring*, ta' ilma u wkoll oġġetti ta' dawl bħala *fittings*. Qal li Donald Micallef kien mar għand Kenneth Pullicino fil-bidunett qabel ma beda jġib l-affarijiet għax-showroom.

29. Qal l-ftehim kien li kellu jinfetaħ (kif fil-fatt infetaħ) kont separat bl-isem tiegħu iżda b'indikazzjoni separata biex l-affarijiet kollha tal-Market Handling Ltd jiġu mniżżlin f'tali kont. Sostna li "*Dawn l-invoices kellhom eventwalment jitħallsu minn Market Handle*". Qal li meta l-kont diġa kien ta' madwar €5,000 ir-rikorrent ċempillu sabiex jilmenta li għadu ma tħallasx:

> *"…jien għidtlu 'aqbad u ċempel lilu – lil Donald Micallef - u għidlu bil-problema'. U infatti taħ ċekk. U ċ-ċekk huwa l-istess tal-ammont mertu tal-kawża odjerna, ngħid li probabbilment kien hemm xi ċekk ieħor anke qabel.*[9]*"*

30. Sostna illi Kenneth Pullicino ipproċeda kontrih u mhux kontra Market Handle Ltd għax ra li Market Handle Ltd m'għandhiex flus.

31. Qal li l-oġġetti kienu magħżulin minn Donald Micallef u hu (Anastasi) kien jiġbor l-affarijiet li kien hemm bżonn.

---

[8] Fol 155 *et seq*.

[9] **Dan minkejja li fix-xiehda tal-5 ta' Mejju 2014 qal li kien jaf biss biċ-ċekk tal-€2,000 u ma kienx jaf li hemm ċekk tal-ammont sħiħ.**

*<u>Xiehda ta' Donald Micallef (ex CEO ma' Market Handle Ltd)</u>*

32. Fl-affidavit tat-13 ta' Marzu 2015[10] Donald Micallef spjega li kien jokkupa l-kariga ta' CEO mas-soċjeta` Market Handle Ltd li kellha l-uffiċini (f' shell form) f' Valley Road Birkirkara. Qal li xogħlu kien li jsib is-"suppliers" li jagħtu servizzi differenti biex isir *finishing* fl-imsemmija uffiċini, inkluż mogħdija ta' elettriku u ilma kif ukoll għamara u apparat ieħor. Xehed illi wieħed minn dawn is-"suppliers" kien proprju Ramon Anastasi li kien qed jieħu ħsieb ix-xogħol tad-dawl, ilma u "computers". Qal li darba minnhom Ramon Anastasi kien qallu biex imur miegħu fil-ħanut ta' Kenneth Pullicino biex jara xi affarijiet li kien se jistalla fl-uffiċini u huwa kien mar u agħżel xi affarijiet. Qal li dik kienet l-unika darba li mar fil-ħanut ta' Kenneth Pullicino u li "*bil-kemm tkellimna dakinhar* ***għaliex il-kumpannija Market Handle Ltd kienet klijenta ta' Ramon Anastasi***".

33. Xehed li Ramon Anastasi kien qallu li Market Handle Ltd kellha tħallas direttament lil Kenneth Pullicino "*iżda ngħid li dan id-diskors sar bejni u bejnu, u Kenneth Pullicino ma kienx preżenti meta ingħad dan id-diskors.*" Enfasizza li Market Handle Ltd qatt ma rċeviet invoices mingħand il-ħanut ta' Kenneth Pullicino. Spjega li llum il-ġurnata Market Handle Ltd ma baqgħetx topera, minħabba fost oħrajn, mandat ta' qbid li ġie eżegwit mill-kumpannija Alfa Co Ltd.

34. Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami tal-4 ta' Ġunju 2015[11] qal li l-inkarigu lil Ramon Anastasi kien ingħata minnu. Mitlub igħid jiftakarx li l-arranġament kien li Market Handle Ltd tħallas direttament lil Kenneth Hardware Stores qal li ma jiftakarx pero` jiftakar lill-avukat tar-rikorrent iċempel lilu personalment għall-ħlasijiet u allura "*nasal għall-konkużjoni li probabbilment hekk kien il-ftehim".*

35. Muri ċ-ċekk Nru 00056 fl-ammont ta' €10,689.45 qal li jaf bih, għalkemm il-firma fuqu hija ta' Celine Lee Bentley u mhux tiegħu. Jiftakar li kienet ġiet

[10] Fol 165.
[11] Fol 168 *et seq*.

persuna bl-isem ta' Caroline l-uffiċini ta' Market Handle Ltd sabiex tiġbor dak iċ-ċekk partikolari. "*Nifhem li din Caroline kienet impjegata tal-kumpannija Kenneth Hardware Stores".*

36. Huwa qal li kien mar il-ħanut tar-rikorrent u ltaqa' miegħu personalment, pero` qal li jekk sar xi diskors kien fil-qasir. Qal li ma jiftakarx jekk sarx diskors dwar min kellu jagħmel il-pagamenti għall-affarijiet li kienu se jinxtraw mill-ħanut tar-rikorrent. Spjega li kien jaf li Ramon Anastasi kien diġa' kellem lil Kenneth Pullicino u qallu li Market Handle ser tħallas tal-affarijiet, u allura meta dakinhar fil-ħanut tkellmu fil-qasir u ħadlu b'idejh fehem li l-ftehim kien hekk. Ippreċiża pero` li Kenneth Hardware Store qatt ma ħarġet invoice lil Market Handle Ltd.

*Xiehda ta' Celine Lee Bentley*

37. Fl-affidavit tagħha[12] Celine Lee Bentley iddikjarat li hija "*the sole director and shareholder"* ta' Market Handle Ltd li kienet reġistrata fit-3 ta' Mejju 2010. Spjegat li "*its main objects related to consultancy, marketing, research and PR".* Qalet li kienet kriet uffiċini f'Birkirkara fi stat *"shell"* u għalhekk kien hemm ħafna xogħol x'isir qabel ma setgħet tibda' taħdem. Fir-rigward tal-każ in kwistjoni iddikjarat:

- *"Ramon Anastasi was one of the various service providers engaged by Market Handle Ltd to carry out the refurbishment works needed in the Birkirkara office. Ramon Anastasi was engaged to carry out works relating to water and electricity as well as computers;*

- *Market Handle Ltd never had any contractual or other relation with Kenneth Pullicino or Kenneth Hardware Stores;*

- *In fact I must state that I never met Kenneth Pullicino and never received, neither on my behalf or on behalf of Market Handle Ltd, any invoices or requests for payment by Kenneth Pullicino or Kenneth Hardware Stores. I am in fact advised that the invoices upon which the instant court claim is based are not addressd to Market Handle Ltd;*

- *The first time I became aware of the claim forming the subject matter of this court case was when Market Handle Ltd was called into this suit and a reply had to be filed. This was in the year 2013. I am advised that the invoices forming the subject matter of the case, apart from the fact that they are not addressed to Market Handle Ltd, were issued in the year 2010. Market Handle Ltd was never served with any other judicial acts prior to being*

[12] Fol 188 *et seq*.

*called into this court case, nor did Kenneth Pullicino or anyone on his behalf request payment from Market Handle Ltd."*

38. Fix-xiehda tal-14 ta' Lulju 2016[13] ikkonfermat li Market Handle Ltd kienet ingaġġat lil Ramon Anastasi biex jieħu f'idejh ix-xogħlijiet li kellhom bżonn isiru fl-uffiċini ta' Birkirkara. Qalet li kien Donald Micallef li introduċiha lil Ramon Anastasi. Mistoqsija jekk Market Handle Ltd kinitx ħallset lil Ramon Anastasi wieġbet li ma tiftakarx. Murija ċ-ċekkijiet nru 000106 fl-ammont ta' €2,000 u nru 00056 fl-ammont ta' €10,689.45, ikkonfermat li t-tnejn li huma kienu iffirmati minnha, iżda l-kitba fuq iċ-ċekk mhix tagħha. Mistoqsija ta min kienet il-kalligrafija fuq iċ-ċekkijiet, wieġbet li mhijiex ċerta.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-qorti.</u>**

39. Wara li l-qorti qrat l-atti, tgħaddi biex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

40. Hija ferm iktar verosimili il-verżjoni tar-rikorrent Kenneth Pullicino li <u>r-relazzjoni ġuridika kienet bejnu u l-intimat.</u>

41. Il-kontijiet kollha nħarġu f'isem IT Works Group, irrispettivament mill-fatt li ma' gemb dak it-trade name hemm B'Kara. F'kull kont, fil-parti *client account* hemm l-ittri 'ITWGB'. Ittri li jfissru IT Works Group B'Kara. Fil-kontijiet ma tissemmiex il-kumpannija Market Handle Ltd. Ramon Anastasi xehed li "*jimmaġina*" li l-kontijiet inħarġu f'ismu għaliex Kenneth Pullicino "*ma kellux id-dettalji tal-klijent*", spjegazzjoni xejn kredibbli. Pero' l-qorti tifhem li jekk ir-relazzjoni ġuridika kellha tkun ma' Market Handlet Ltd, ir-rikorrent kien ser jitlob li jingħata d-dettalji ta' Market Handle Ltd, bħall-indirizz, numru ta' telefon tar-rappreżentant ta' dik il-kumpannija u numru tal-VAT. Minflok il-kontijiet fihom l-isem IT Works Group, bl-indirizz tagħha, n-numru tat-telefon ta' Anastasi, u numru tal-VAT tiegħu wkoll. Il-kontijiet huma ċari, fis-sens li ħdejn il-kelma 'Client' hemm isem id-ditta tal-intimat u ta' ħadd iktar bid-dettalji tiegħu.

[13] Fol 297 *et seq*.

Inoltre, fil-parti tal-kontijiet fejn hemm Customer's Signature hemm il-firma tal-intimat jew xi lavrant tiegħu. M'hemmx prova li xi wieħed mill-kontijiet kien iffirmat minn rappreżentant legali jew impjegat ta' Market Handle Ltd. Fatt li flimkien mal-fatti l-oħra jagħtu kredibbilta' lill-verżjoni tal-appellat.

42. L-intimat ma tax raġuni li tista' tikkonvinċi lill-qorti għalfejn mill-bidunett ma insistiex li l-kontijiet jinħarġu f'isem Market Handle Limited bid-dettalji tagħha. Kontijiet li nħarġu fuq perjodu ta' xahrejn. L-intimat xehed li l-kontijiet kienu f'ismu, *".... għaliex aħna kellna mmorru għalihom u għalija kienu qieshom delivery note"*.[14] Spjegazzjoni li għall-qorti ma tagħmilx sens. Id-dokument huma *'invoice'* u mhux *'delivery note'* u l-firma tal-klijent hi tal-intimat u ħadd iktar. Hu veru li fin-nota ta' sottomissjonijet u rikors tal-appell semma li sa dak iż-żmien Market Handle Ltd kienet għadha ma teżistix. Celine Lee Bentley xehedet li l-kumpannija kienet reġistrata fit-3 ta' Mejju, 2010. Pero' jekk il-ftehim kien sa mill-bidunett li l-intimat ma kellux ikollu x'jaqsam mal-kontijiet:-

i. Il-qorti tippretendi li fil-kontijiet kollha li nħarġu mir-rikorrent, il-klijent li jissemma kellu jkun Donald Micallef jew Celine Lee Bentley. Għall-qorti hu ovvju li *supplier* bħar-rikorrent kien jitlob id-dettalji ta' dawk il-persuni, li kieku l-intimat ma kellu ikun il-klijent tiegħu. Dan iktar u iktar meta m'hemmx prova waħda li tindika li r-rikorrent kien jafhom jew innegozja magħhom. M'hemmx prova li r-rikorrent talab u ingħata d-dettalji ta' dawk il-persuni.

ii. Minkejja li l-kumpannija kienet reġistrata fil-bidu ta' Mejju 2010, wara dakinhar il-kontijiet baqgħu jinħarġu f'isem IT Works Group. M'hemmx prova waħda li l-appellant xi darba kkontesta l-fatt li l-*invoices* inħarġu f'ismu. Dan mhux każ ta' *invoice* wieħed imma numru mhux żgħir ta' invoices li nħarġu fuq perjodu ta' xahrejn.

---

[14] Fol. 156.

iii. Celine Bentley stess qalet li qatt ma rċeviet kontijiet mingħand Kenneth Hardware Stores, kif qal Donald Micallef, u l-kumpannija tagħha qatt ma kellha relazzjoni mar-rikorrent. Jekk il-ftehim kien li Market Handle Limited kienet il-klijent tar-rikorrent, probabbilment ir-rikorrent kien jibgħat il-kontijiet lil Donald Micallef jew Celine Bentley u mhux lill-intimat.

43. L-intimat qal li ma kienx hu li ta t-tieni ċekk lir-rikorrent. Pero' l-verżjoni tiegħu m'hijiex korraborata minn xi xhud. Inoltre, meta xehed qal li kien jaf biss biċ-ċekk ta' €2,000 u wara xehed li kien jaf biċ-ċekk tal-ammont kollu u li "*probabbilment"* qabel kien hemm ċekk ieħor. F'kull każ, il-fatt li nħareġ ċekk minn Market Handle Ltd m'hijiex prova biżżejjed biex tikkonvinċi lil din il-qorti li l-ewwel qorti kellha bilfors tiddeċiedi l-kawża favur l-intimat. Il-provi nstemgħu mill-ewwel qorti u l-apprezzament tal-provi sar minnha. Fi stadju ta' appell din il-qorti għandha biss tiddisturba d-diskrezzjoni li tgawdi l-ewwel qorti fl-apprezzament tal-provi, fejn hemm raġunijiet gravi. Fil-fehma tal-qorti ċ-ċekkijiet mhumiex prova skjaċċanti, meta tikkunsidra dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti.

44. <u>Kien bil-ħruġ taċ-ċekk</u> <u>li nibtet relazzjoni bejn Market Handle Ltd u Kenneth Hardware Stores.</u> F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża "**Marlene Vella et vs Avv Dr Antoine Gambin et** (26 ta' April, 2001) fejn il-qorti qalet li ċekk hu mod ta' ħlas u dokument ta' kreditu (bħal kambjala):

*"Illi l-Profs Micallef fit-trattat tieghu "Notes on Commercial Laws – (Part II)" jiddeskrivi li:*

*"...cheques are very similar in legal form to bills of exchange and, it will be seen, that many of the provisions relating to the latter are applicable to the former". Inoltre: "Considered from the juridical point of view, cheques are very similar to bills of exchange. In fact, the Bills of Exchange Act, 1882, in Sec 73, defines the cheques as being 'a bill of exchange drawn on a banker payable on demand' and it prescribes further, that 'except as otherwise provided in this Part, the provisions of this Act, applicable to a bill of exchange payable on demand, apply to a cheque.*

*Substantially, therefore, the juridical nature and character of a cheque or of a draft or cheque on bankers or cashiers, as our Code terms it, is very similar to that of a bill of exchange". (pg 346 – 347)*

*Illi dan jidher li huwa l-principju li gie applikat fis-sentenza "**Michael Attard vs Grazio Meilak et**" (K. 14 ta' Dicembru 1959 – XLIII.ii.834), fejn il-Qorti sostniet li:*

*"L-attur kif jidher, mhux jezercita ebda azzjoni naxxenti mic-cheque, izda dik naxxenti mill-kuntratt li kien sar bejnu u t-tabib Attard Montalto. Li l-'Pipia', fil-kumment tieghu ghall-artikolu 434 tal-Kodici tal-Kummerc Taljan (analogu ghall-artikolu 319 taghna) imur josserva illi "oltre questa azzione cambiaria (i.e. proprja tac-cheque) puo competera all possessore la normale azzione derivante dal substrato casuale nei confronti di chi gli trasmisse il titolo come mezzo d'estenzione di una precedente obligazzione rimasta per contro insodisfatto; bastera a lui provare coi normali mezzi probatori la mancata promessa del traente di fargli pagare una somma dal trattario, perche` all traente di distruggere la presunzione che sta contro di lui. Questa azzione "ex causa" sopravive alla presunzione cambiaria, perche` la perdita dell' azzione cambiaria non puo favorire meno gli effetti di un rapporto di ordine normale, ne eliminare il substrato casuale che determino` il traente e` riconoscervi debitore emmittando il relattivo assegno bancario". (Trattato di Diritto Commerciale – Vol III para 1073).*

*Illi jrid jigi rilevat ukoll illi fil-kawza fl-ismijiet "**Daniel sive Danny Cremona noe vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' April 1992 il-Qorti qablet u adottat ir-rapport li ghamel Profs J A Micallef li gie appuntat mill-Qorti. Johrog car minn dan ir-rapport illi fin-nuqqas ta' legislazzjoni ad hoc fuq il-materja in kwistjoni, hemm bzonn li jigu applikati l-principji legali applikabbli ghall-kambjali.*

*Fl-ahharnett Giuseppe Ferri f'Manuale di Diritto Commerciale jsostni li:*

*"L'assegno bancario e` sottoposto allo stesso regime della cambiale tratta per quanto riguarda la validita` delle sottoscrizioni, la responsabilita` del traente e dei giranti, l'avallo, la circolazione, il pagamento, le azioni che spettano al possessore, i duplicati e l'ammortamento". (vide Aspects of Maltese Law for Bankers) – Dr Philip Farrugia Randon.*

*Illi dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza "**Antonie Deguara vs Walter George Wicker**" (K. (TG) 3 ta' Mejju 1955 – XXXIX.iii.853) fejn irrizulta li l-istess Qorti applikat ghac-cheque l-**Artikolu 184 tal-Kap 13** relattiv ghall-kambjali u wkoll ghac-cheque in ezami bir-rizultanza li din is-sentenza kkonfermat li f'materja ta' cheques il-ligi applikabbli, fl-istat kif l-istess tinsab promurgata, hija dik il-ligi tal-Kambjali stess. ("**Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon**" A.K. 18 t'Ottubru 1875; "**John Charles Dennison noe vs Salvatore Tonna**" – A.K. 30 ta' Novembru 1926).*

45. Pero' b'dak iċ-ċekk ma jfissirx li Market Handle Ltd ħadet post l-intimat bħala debitur. F'kull każ id-difiża tal-intimat kienet bażata fuq it-teżi li qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mar-rikorrent, għaliex:-

*"2. Illi fil-fatt l-ordnijiet tal-merkanzija kienu jsiru f'isem Market Handle Limited lil min ġiet supplita l-merkanzija intiża għax-showroom tas-soċjeta Market Handle Limited f'Birkirkara, liema soċjeta fil-fatt għamlet ħlasijiet lir-rikorrenti għall-istess merkanzija b'ċekkijiet tagħha".*

46. L-intimat qatt ma ta eċċezzjoni fis-sens li ċ-ċekk kien ġab miegħu novazzjoni *ex parte debitoris* tal-obbligazzjoni, li m'hijiex preżunta u l-intenzjoni trid tkun tidher b'mod ċar (artikolu 1180 tal-Kodiċi Ċivili). Iċ-ċekk ittieħed mir-rikorrent

sabiex jitħallas dak li kien dovut lilu u ċertament mhux biex Market Handle Limited issir id-debitur il-ġdid f'każ li ċ-ċekk ma jissarrafx.

47. Jonqos l-eċċezzjoni dwar preskrizzjoni. L-intimat jinvoka l-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:-

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar:*
*…*
*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*
*…"*

48. L-ewwel qorti irriteniet li ladarba l-merkanzija mixtrija minn Ramon Anastasi kienet intiża biex l-istess Ramon Anastasi jagħmel użu minnha biex jinstalla sistema ta' dawl u IT networking fl-uffiċini tas-soċjeta` Market Handle Ltd, u imbagħad jitħallas għal tali installar mingħand l-istess Market Handle Ltd, din id-difiża taħt l-Art. 2148(b) mhix applikabbli. Jidher għalhekk li l-ewwel qorti kienet tal-fehma li l-bejgħ in kwistjoni vis-à-vis Ramon Anastasi kellu jitqies bħala wieħed bl-ingrossa (li l-azzjonijiet fir-rigward jaqqħu bi preskrizzjoni ta' ħames snin) u mhux bl-imnut.

49. Irrispettivament jekk il-bejgħ kienx bl-imnut (artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili), il-kontijiet huma kollha ffirmati mill-konvenut jew ħaddiema tiegħu li ovvjament huma l-mandatarji tiegħu. Ifisser li l-intimat kien aċċetta l-kontijiet. Għalhekk japplika l-artikolu 2151 tal-Kodiċi Ċivili li jitratta dwar kontinwazzjoni ta' fornituri, u jipprovdi għall-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin *"… li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni"*. L-ewwel kont għandu d-data tas-26 ta' Marzu, 2010 u r-rikorrent ippreżenta l-kawża fis-27 ta' Marzu, 2012. Għalhekk il-ħames snin żgur li m'għaddewx fir-rigward tal-kontijiet oġġett tal-kawża.[15]

[15] Fol. 2 *et seq*.

**Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tiċħad l-appell tal-intimat Anastasi u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.**

Anthony Ellul.